# **media** release

## Jiġu varati l-inbejjed Mía għand Talbot & Bons

Uffiċċjali għoljin fil-kumpanija Spanjola Freixenet kienu Malta meta ġiet varata marka ġdida ta' inbid, Mía, flimkien mar-rappreżentanti lokali tagħhom, Paul Bonnici & Son, fit-2 ta' Settembru għand Talbot & Bons, id-deli-café li għadu kemm fetaħ fiċ-Ċentru tal-Kummerċ SkyParks, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Gloria Collell, il-Maniġer tal-Inbejjed, u Gonzalo López de Ceballos, il-Maniġer tal-Esportazzjoni, attendew u ltaqgħu ma' sidien ta' ristoranti u klijenti ta' Paul Bonnici & Son. Ms Collell, li hi kwalifikata bħala enologa u tiġi minn familja li jagħmlu l-inbid, spjegat li Mía hi ideali għal dawk ta' età iżgħar li jħobbu l-inbid.

"Hemm tendenza dinjija lejn inbid eħfef, b'iktar togħma ta' frott u ħlewwa, li jgħoġob iż-żgħażagħ," qalet Ms Collell. Bħala riżultat ta' dan, l-inbid mhux biss għadu żgħir u mimli togħma ta' frott, anki l-mod kif l-inbid hu preżentat, f'tazzez mingħajr saqajn, hu maħsub li jgħeleb l-ostakoli assoċjati max-xorb tal-inbid.

"It-tazza hi informali u tgħin ukoll l-inbid biex jiżviluppa aħjar," żiedet tgħid. "Varajna l-inbejjed Mía sena ilu u s'issa r-rispons kien tajjeb ħafna. Issa Mía jinstab f'24 suq madwar id-dinja u l-aħjar swieq għalina huma l-Ġermanja, l-Finlandja u r-Renju Unit."

Ms Collel iddiskriviet l-inbid abjad Mía bħala taħlita ta' tlett varjetajiet ta' għeneb, minn Penedes, fi Spanja, fir-reġjun fejn toqgħod hi, Macabeo, Xarello and Parellada, bi ftit Moscatel.Il-kulur tal-inbid hu ċar, lewn it-tiben. Għandu riħa ta' tuffieħ, lanġas u banana, flimkien ma' indikazzjoni ta' fjuri bojod u blanzuni tal-larinġ.

L-inbid aħmar Mía hu magħmul 100% b'għeneb Tempranillo, varjetà klassika ta' għenba Spanjola. "Ridt li toħroġ b'mod brillanti il-purità tal-għenba," qalet Ms Collell.

L-inbid ma jissawwarx fi bramel tal-ballut, iżda l-kulur hu aħmar skur bi ftit vjola u blu tipiku ta' Tempranillo li għadu zgħir."

Wieħed jista' verament ixomm riħa ta' ħamrija, bi ħjiel ta' għanbaqar, fjuri vjola u anki larinġ. Għandha togħma rikka u tal-frott, bi ħjiel ta' għambaqar u frott żgħir aħmar. L-inbid hu daqsxejn pikkanti, ukoll, b'togħma li ddum fil-ħalq. Tista' tixrob dan l-inbid ma' laħam abjad, laħam taċ-ċanga, ħaruf, għaġin u ħxejjex.

Ms Collell tirrakkomanda wkoll li tkessħu daqsxejn, jekk tippreferi.

**– TMIEM –**